MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 237/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Dennis Theuma)**
**Vs**
**Charles Spiteri**

**Illum 8 ta' Marzu, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer fid-29 ta' Lulju, 1998 u fit-tmien xhur ta' qabel dina d-data

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall- Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita'

moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-dispożizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-dorgi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) f'dawn il-Gżejjer matul ix-xahar t'April 1998 u matul dan l-aħħar ħames xhur kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pusess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-Liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga mmsemija kienet fornuta lilu għall-użu tieghu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar- regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

ċ) sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati Malta) Awla 1 liema kawża saret definittiva fis-17 ta' Novembru 1992.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kap. 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-kap. 101 kif ukoll l-artikolu

22(1B) tal-istess Kap sabet lill-appellant hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel wahda w illiberatu mit-tielet imputazzjoni, w ikkundannatu ghal ghaxar xhur prigunerija w ghall-hlas ta' multa ta' €700, liema multa tista' tithallas b'rati ta' €50 kull xahar bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba' gimghat mil-lum. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc jithallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.
Il-Qorti kkundannatu ihallas l-ispejjez tal-esperti li jammontaw ghal €278.88 (LM119.18).
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta' Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-incidenti sehhew bejn Dicembru 1997 u Lulju 1998, madwar tnax-il sena ilu u fi zmien meta l-appellant kien ghaddej minn problemi partikolari f'hajtu konnessi mad-droga.
Illi l-appellant qed jikkontesta l-piena minhabba l-fatt li minn dan iz-zmien 'l hawn kien biddel hajtu kompletament u ftit hemm lok ghal riforma, li huwa l-iskop principali ghall-piena ta' prigunerija. L-appellant ghadda minn programmi ta' riabilitazzjoni w hareg kompletament mill-problema tad-droga.
Illi barra minn hekk l-Ewwel Qorti semmiet fis-sentenza taghha li "l-proceduri damu xi ftit", izda fl-opinjoni ta' l-appellant dawn il-proceduri damu hafna w mhux ftit. Il-proceduri damu ghal aktar minn ghaxar snin (a decade). Izda di piu l-Ewwel Qorti tghid li "l-imputat kien assenti diversi drabi w ghalhekk ikkontribwixxa biex komplew twalu dawn il-proceduri". Jista' jkun li l-appellant kien assenti, izda certament il-kontribuzzjoni ghad-dewmien

kienet minima.  F'dawn il-proceduri inbidlu tlett ufficjali tal-prosekuzzjoni u kien hemm numru sostanzjali ta' seduti fejn ma sar xejn jew ftit li hafna.  L-appellant jixtieq ifakkar li dawn il-proceduri gew inizjali mill-prosekuzzjoni w mhux mill-akkuzat.  Dawn mhux proceduri ta' l-akkuzat izda tal-prosekuzjjoni li gabu kontra l-appellant.  Huma l-prosekuzzjoni li ghandhom interess li jikkonkludi dawn il-proceduri malajr kiemm jista' jkun sabiex jipprovaw il-kaz taghhom.  Aktar ma jittawlu z-zmien aktar ikun difficli ghal prosekuzzjoni li jtellghu l-provi mehtiega.  Bhal fatt, l-akkuzat m'ghandux ghalfejn juri certu entuzjazmu biex jitkomplew proceduri kriminali, specjalment meta l-akkuzi jgibu sentenzi ta' prigunerija tassattivi.  L-akkuzat ghandu semplicement jattendi w josserva xejn aktar, jekk il-prosekuzzjoni ttella xhud wiehed f'seduta jew sahansitra l-ebda xhud, l-akkuzat u f'dan il-kaz l-appellant m'ghandux l-obbligu li jitlob li jittiehdu xi proceduri biex jassigura li d-dritt tieghu li l-kaz tieghu jinstema f'hin ragjonevoli.  Huwa l-prosekuzzjoni w il-Qorti li ghandhom is-seta w l-obbligu legali li jassiguraw li ma jkunx hemm telf ta' zmien.

Illi minn dicitura tas-sentenza, donna l-Qorti minflok ma sanzjonat il-prosekuzzjoni, skuzata totalment ghaliex l-appellant kien assenti diversi drabi.  Jekk kien assenti minghajr l-ebda raguni l-appellant seta tilef il-liberta' provvizorja.  Izda jekk id-dewmien kien minhabba l-prosekuzzjoni b'hekk il-Qorti ghandha tkun cara w tikkundanna l-fatt li l-prosekuzzjoni damet ghaxar snin biex ttella ftit xhieda.

Illi l-appellant jissottometti li jekk il-Qorti tara li matul dawn it-tnax-il sena kien hemm improvement jew sahansitra riforma, l-Qorti ghandha tkun gustifikata li taghti l-minimum possibbli.

Ikkunsidrat :

Dan l-appell huwa limitat ghall-piena.

L-appellant qieghed jilmenta illi r-reati li taghhom instab hati ilhom hmistax il-sena w minn dak iz-zmien ma kellux kazijiet godda.  Ghandu rapport posittiv minn ghand il-

“probation officer” Carmen Mygar izda peress illi ghandu aktar minn erbghin sena, difficli biex jidhol San Blas u jkompli l-kura ghar-riabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga.

L-Avukat tal-appellant fit-trattazzjoni tieghu spjega illi jkun aktar ta’ dannu ghall-appellant li f’dan l-istadju jmur il-habs peress illi anki hemmhekk iridu jghaddu mill-inqas tlett xhur sakemm jista’ jibda xi program kontra l-vizzju. Bhalissa l-appellant ghandu bzonn sorveljanza kontinwa mill-probation officers u jekk imur il-habs dan il-beneficcju jintilef.

Min-naha l-ohra, l-Avukat Generali argumenta illi l-piena qieghed fil-parametri tal-Ligi u ma hemm l-ebda raguni l-ghaliex l-ewwel sentenza ghandha tigi disturbata.

Ikkunsidrat :

Fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant qed jilmenta wkoll mit-tul taz-zmien illi hadet din il-kawza w mill-kumment li ghamlet l-Ewwel Qorti illi dan id-dewmien kien dovut ghall-imputat illi kien assenti diversi drabi w ghalhekk ikkontribwixxa biex komplew jitwalu dawn il-proceduri.

L-appellant jammetti illi kien hemm xi zmien meta kien assenti imma kien hemm ukoll seduti fejn ma sar xejn jew ftit hafna.

Din il-Qorti fliet l-atti tal-process u ssib illi minkejja illi din il-kawza damet dan iz-zmien kollu, l-appellant jahti mhux ftit, izda ma tistax tirrikoncilja l-ilment tad-dewmien tal-appellant meta, fir-rikors tal-appell tieghu jghid testwalment :
*“bhala fatt, l-akkuzat m’ghandux ghalfejn juri certa entuzjazmu biex jitkomplew proceduri kriminali specjalment meta l-akkuzi jgibu sentenza ta’ prigunerija tassattivi”.*
Dana zgur mhuwiex atteggjament ta’ imputat waqt is-smiegh tal-kawza tieghu.  Veru illi l-imputat m’ghandux ghalfejn jipprova xejn, imma sempliciment jattendi u jara illi l-proceduri ikunu skond il-ligi.  Izda li tghid li m’ghandux ghalfejn juri certu entuzjazmu mbaghad tilmenta illi kienu

twalu l-proceduri, huwa kontro sens illi zgur ma jaghmilx ghajb ghall-kaz tal-appellant !

L-appellant ghandu fedina penali attiva mhux hazin u din il-Qorti ssib illi matul is-snin inghata kull opportunita' possibbli taht il-ligi sabiex jirriforma ruhu izda, ma dan kollu, xorta rega' tfacca quddiem il-Qorti bl-istess akkuzi w, ma jistax jippretendi illi jibqa' jinghata beneficcju wara l-iehor minghajr ma juri rieda qawwija sabiex jehles minn dan il-vizzju illi dahal fih. Forsi huwa l-kaz illi perjodu ta' detenzjoni jservi ta' riflessjoni sabiex ma jibqax ghaddej f'din it-triq illi qabad.

Il-Qorti ssib illi fl-isfond tac-cirkostanzi illi l-Ewwel Qorti kellha quddiemha kienet ragjonevoli w legalment korretta sabiex tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Il-piena qeghda fil-parametri tal-ligi w din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni illi ghandha tvarja jew tidisturba d-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------